

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/479

tal-1 ta' April 2016

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-użu tal-glikosidi tal-istevjol (E 960) bħala sustanza li żżid il-ħlewwa f'ċertu xarbiet b'enerġija mnaqqa jew minghajn zokkor miżjud

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, jew bl-inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara talba.
- (3) Fil-25 ta' Marzu 2013 tressqet talba għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-glikosidi tal-istevjol (E 960) bħala sustanza li żżid il-ħlewwa f'ċertu xarbiet b'enerġija mnaqqa jew minghajn zokkor miżjud, jiġifieri xarbiet fil-kategorija tal-ikel "Oħrajn" 14.1.5.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Sussegwentement l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) Il-glikosidi tal-istevjol huma kostitwenti b'toġhma ħelwa minghajn kaloriji u jistgħu jintużaw biex jieħdu post iz-zokkor kaloriku f'ċertu xarbiet, biex b'hekk jitnaqqas il-kontenut kaloriku ta' dawk il-prodotti. Konsegwentement, il-glikosidi tal-istevjol jagħtu ħlewwa li dawn ix-xarbiet minghajn ma jżidu kaloriji mal-prodott finali, u b'hekk il-konsumaturi jistgħu jiġu offruti prodotti b'enerġija mnaqqa jew minghajn zokkor miżjud, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (5) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel imniżżla fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

- (6) Fl-2010, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika ⁽¹⁾ dwar is-sikurezza tal-glikosidi tal-istevjol għall-użi proposti bħala addittiv tal-ikel (E 960) u stabbiliet Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) ta' 4 mg/kg ta' piż tal-ġisem/jum, espressa bħala ekwivalenti tal-istevjol. Fid-dawl tal-estensjoni proposta ta' użi bħala addittiv tal-ikel, l-Awtorità rrevediet il-valutazzjoni tal-esponiment għall-glikosidi tal-istevjol u esprimiet l-opinjoni tagħha fit-2 ta' Mejju 2014 ⁽²⁾ u fit-30 ta' Ġunju 2015 ⁽³⁾. Fir-rigward ta' daww il-estensjonijiet ta' użi, l-Awtorità kkonkludiet li l-istimi tal-esponiment huma inqas mill-ADI għall-gruppi tal-età kollha, ħlief għat-trabi li jkunu telqu jimxu tal-ogħla firxa tal-istimi ta' livell għoli (il-95 perċentil), f'pajjiż wieħed. Il-kalkoli tal-esponiment, li saru minn Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu, urew li l-estensjoni proposta tal-użu ma taffettwax il-95 perċentil ta' esponiment fit-tfal iżgħar ta' bejn is-sentejn u s-sitt snin fin-Netherlands u li xorb mhux alkoħoliku u prodotti tal-ħalib iffermentat b'togħmiet miżjuda baqgħu l-kontributuri ewlenin għall-esponiment għall-glikosidi tal-istevjol f'dak il-grupp ta' età.
- (7) Meta wieħed iqis li s-sottokategorija tal-ikel 14.1.5.2 tkopri prodotti li m'humiex maħsuba biex jiġu kkunsmati minn tfal iżgħar (minn 12-il xahar sa 35 xahar), l-użi proposti u l-livelli tal-użu tal-glikosidi tal-istevjol (E 960) bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa mhumieq ta' tħassib għas-sigurtà.
- (8) Għalhekk, huwa xieraq li jkun awtorizzat l-użu tal-glikosidi tal-istevjol (E 960) bħala sustanza li żżid il-ħlewwa fix-xorb b'valuri enerġetiċi mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud fis-subkategorija tal-ikel 14.1.5.2 "Oħrajn": kafè, te u xarbiet magħmula minn infużjonijiet erbali (b'livell massimu ta' 30 mg/l), kafè istantanju bit-togħma u prodotti tal-kappuccino istantanju (b'livell massimu ta' 30 mg/l) u xarbiet ibbażati fuq ix-xgħir (malt) u bit-togħma taċ-ċikkulata/kappuccino (b'livell massimu ta' 20 mg/l).
- (9) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ EFSA Journal 2010;8(4):1537.

⁽²⁾ EFSA Journal 2014;12(5):3639.

⁽³⁾ EFSA Journal 2015;13(6):4146.

ANNEX

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

- (1) Fis-sottokategorija tal-ikel 14.1.5.2 “Oħrajn”, l-annotazzjonijiet li ġejjin għal E 960 jiddaħħlu wara l-entrata għal E 491-495: esterji tas-Sorbitan:

	“E 960	Il-glikosidi tal-istevjol	30	(60) (93)	kafè, te u xarbijet magħmula minn infużjonijiet erbali, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud
	E 960	Il-glikosidi tal-istevjol	30	(60) (93)	kafè istantanju bit-togħma u prodotti ta’ kappuccino istantanju biss, b’enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud
	E 960	Il-glikosidi tal-istevjol	20	(60) (93)	xarbijet ibbażati fuq ix-xgħir u bit-togħma taċ-ċikkulata/kappuccino, b’valuri enerġetiċi mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud”

- (2) Fis-sottokategorija tal-ikel 14.1.5.2 “Oħrajn”, jiżdiedu n-noti ta’ qiegħ il-paġna li ġejjin:

“(60): espressi bħala ekwivalenti tal-istevjol

(93): Il-livell massimu japplika għal prodotti lesti għax-xorb (eż. fil-bottijiet) u t-taħlitiet u l-konċentrati tagħhom wara l-preparazzjoni u lesti għall-konsum.”